# Kwadri Ex Voto fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa



V.F.G.A. Nhar l-4 ta' Ġunju, 1895, fit-8 ta' filgħodu, waqt li s-surġent tal-Pulizija Gioacchino Depasquale mill-Furjana kien qed jikteb l-okkorrenzi tal-ġurnata fl-Għassa tal-Pulizija fix-Xatt ta' Marsamxett, kuntistabbli kien qed inaddaf revolver u aċċidentalment ħadlu u laqat lis-surġent f'wiċċu. Il-balla daħlet minn taħt il-warda tal-wiċċ il-leminija, qasmet minn ġol-ħalq u ħarġet min-naħa l-oħra ta' l-għonq minn taħt il-widna x-xellugija. Din ikkawżatlu ferita gravi u fatali imma bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Mellieħa u tal-glorjuża Sant'Anna kien imfejjaq u għal kollox salvat.

*(Dan l-Ex Voto hu taż-żejt, fuq it-tila, oriġinal u fi stat tajjeb. Daqs: 79ċm x 68.5ċm.)*

---

***(Taħt)*** Wegħda magħmula minn Felice Cutajar f'isem il-lavrant Paolo Vaxallo li ħelisha ħafif b'miraklu wara l-interċessjoni tal-Beata Marija tar-raħal tal-Mellieħa. 1882. Illum 21 ta' Settembru, 1882.

*(Dan l-Ex Voto hu water colour, fuq il-karta, oriġinali u fi stat mhux ħażin. Daqs: 56ċm x 38ċm.)*

